# XI ĦWEJJEĠ MARBUTIN MAL-FRATELLANZA GUDJANA TAL-MADONNA TAR-RUŻARJU

Artiklu
Joseph C Camilleri
B.A. Dip (Ad & Mgt)
M.Ed (Pl & Mgt)

L-Ordni Dumnikana kellha x-xogħol it-tixrid tat-talba tar-Rużarju. Għall-ewwel din id-devozzjoni bdiet tinxtered fil-knejjes li kellhom dawn il-patrijiet - fil-Belt Valletta, l-Birgu u fir-Rabat (Malta). Biex jagħtihom daqqa t'id f'dan ix-xogħol twaqqfu fratellanzi tal-Madonna tar-Rużarju. L-ewwel waħda twaqqfet fil-Knisja Dumnikana tal-Belt Valletta - l-Knisja ta' Porto Salvo jew aħjar kif jagħfuha l-Maltin, il-knisja ta' San Duminku. Bil-mod il-mod, bdew jitwaqqfu fratellanzi fl-irħula Maltin. L-ewwel waħda kienet dik tas-Siġġiewi. Kien Patri Sisto Fabrui li kien il-Patri Ġeneral ta' l-Ordni Dumnikana li aċċetta t-talba tas-Siġġiwin. Din it-talba ġġib id-data ta' l-1 ta' Lulju 1585.

Is-sena 1585, jiġifieri 20 sena biss wara l-Assedju l-Kbir, il-fratellanzi tal-Madonna tar-Rużarju bdew deħlin waħda waħda fil-parroċċi ta' dawk iż-żminijiet. Tant li fis-sena 1588 twaqqfu tliet fratellanzi oħra barra dik Siġġiwija. Fi 23 ta' frar 1585 Birmiftuħ talab l-għajnuna ta' l-Amminstrattur tad-Djoċesi, Monsinjur Libertano biex jiksbu l-istess ħaġa li kien kiseb is-Siġġiewi. Ir-risposta damet ma waslet għaliex l-ittra tal-Patri Ġenerali waslet fit-23 ta' Frar 1588. Fl-istess jum waslet ir-risposta ta' parroċċi oħra, din id-darba dik ta' Ħaż-Żebbuġ. Ir-risposta tal-parroċċa taż-Żurrieq waslet ftit wara, jiġifieri jum il-festa ta' Santa Katerina (25 ta' Novembru).

Għalhekk wieħed jista' jgħid li Birmiftuħ kien minn ta' l-ewwel li daħħal il-fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju. Issa billi 1575 kien ġie Malta Monsinjur Pietru Dusina, u dan żar knisja knisja li kien hawn f'Malta f'dawk iż-żminijiet, u xtaq li f'kull parroċċa jkun hemm fratellanza tas-Sagrament, f'ħafna parroċċi bdew ikollhom żewġ fratellanzi. Il-Professur Vincent Borg jgħid hekk: The normal procedure from 1575 onwards was to have both the Holy Sagrament as well as the Rosary confraternities established in each individual parish. [1]

**Fil-Knisja Parrokkjali ta' Birmiftuħ**

Mat-talba tat-twaqqif tal-Fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju, sar altar fil-knisja parrokkjali ta' Birmiftuħ. Il-Gudjani kellhom jistennew kważi tliet snin sakemm ikollhom fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju. Għalhekk huma kellhom jaħsbu biex ikollhom kwadru tal-Madonna tar-Rużarju kif ukoll sensiela ta' kwadri żgħar li juru l-misteri tar-Rużarju. Wieħed jista' jara t-tip ta' altar li kellhom il-Gudjani fil-knisja parrokkjali ta' Birmiftuħ jekk iżur il-knisja parrokkjali l-qadima tas-Siġġiewi u dik ta' Santa Marija ta' Birkirkara. Meta l-knisja l-ġdida tal-Gudja kienet lesta dan l-altar sab ruħu f'wieħed mill-kappelluni ta' din il-knisja.

Il-fratelli kienu jiltaqgħu fil-knisja parrokkjali fl-ewwel Ħadd tax-xahar. Huma kienu jisimgħu l-quddiesa u jitqarbnu. Kienu wkoll jorganizzaw purċissjoni li kienet idur mal-knisja. Il-Gudjani bdew jorganizzaw festa

ad unur il-Madonna tar-Rużarju fl-ewwel Ħadd ta' Ottubru. Huma bdew ukoll jorganizzaw festa oħra, din id-darba lill-Madonna tal-Warda fl-ewwel Ħadd ta' Mejju. Bdew ukoll jiżviluppaw il-festa tal-Madonna tar-Rużarju. Ħmistax qabel il-festa kienet tibda l-Kwindiċina. Din kienet tfisser quddiesa u Rużarju kuljum għal dawn il-ħmistax-il jum. Il-fratelli tar-Rużarju bdew ukoll jorganizzaw novena għaż-żmien il-Milied. Din kienet quddiesa li kienet issir kmieni kmieni u fil-għaxija kien ikun hemm xi talb speċjali fuq l-altar tar-Rużarju. Din id-devozzjoni kienet issir għal 9 itjiem qabel il-festa tal-Milied.

**Aktar Affarijiet**

Il-fratellanza bdiet tkabbar il-festa tal-Madonna tar-Rużarju. Kellha vara ta' l-injam li llum tinsab fuq altar tal-ġenb fil-kappella tal-Madonna tal-Lunzjata. Wara li din il-vara kellha xi ħsarat ordnaw statwa oħra, din id-darba tal-kartapesta. Ix-xogħol kien għamlu wieħed Gudjan Anġlu Dalli li kien magħruf fost il-Gudjani u t-Tarxiniżi (billi mar joqgħod Ħal Tarxien fi Triq Palma) bħala Tas-Suffari. Ix-xogħol li kien sar fis-sena 1922. Il-vara fiha affarijiet li kienu ġodda għall-vari tal-Madonna tar-Rużarju. Ġo kliem ieħor ma kienetx vara li kellha l-ispirazzjoni tagħha l-vara tal-Madonna tar-Rużarju tar-Rabat (Malta).

Il-vara turi l-figura tal-Madonna bil-kuruna tar-Rużarju f'idejha l-leminija. Id l-oħra qed tistrieħ fuq l-ispallejn tal-Bambin. Dan mhux xi tarbija kif insibu l-istatwi tradizzjonali tal-Madonna tar-Rużarju iżda tfajjel. Il-Bambin hu marbut mall-ġenna u għalhekk Anglu Dalli poġġa din il-figura fuq speċi ta' sħaba.

Il-bradella u l-pedestall saru minn Manwel Buhagiar. Il-bankun sar minn Dwardu Teeling. L-iskultura tiegħu saru min iben Manwel Buhagiar jiġifieri Toni.

**Devozzjoni fost il-Gudjani**

Fil-Gudja hemm tliet niċeċ tal-Madonna tar-Rużarju. L-ewwel waħda tinsab fuq faċċata tad-dar 15 Triq il-Kbira. Hemm oħra tinsab fuq il-faċċata tad-dar 3 Triq Ġirolomu Cassar u l-aħħar waħda tinsab fuq faċċata oħra tad-dar li tinsab 28 Triq San Mark. Tony Terribile jgħid hekk fuq id-devozzjoni lejn il-Madonna tar-Rużarju fil-Gudja: *Id-devozzjoni lejn il-Madonna tar-Rużarju hi qadima ħafna fil-Gudja għax fl-1585 fil-knisja ta' Birmiftuħ twaqqaf l-artal tar-Rużarju.* [2]

L-aktar niċċa artisitika hija dik li tinsab fit-Triq San Mark. Skond Tony Terribile din saret fl-ewwel snin tas-seklu għoxrin u għada tinsab fi stat oriġinali tagħha. In-niċċa fiha disinn sempliċi għall-aħħar iżda l-istatwa hija elaborata ħafna. Il-figura tal-Madonna tinsab fuq pedestal għoli u fuq sħaba kbira. Il-Madonna tinsab bil-qiegħda bil-Bambin fuq dirgħajha u 'l isfel minnha hemm figura ta' San Duminku li jinsab għarkobbtejh jilqa' l-kuruna tar-Rużarju. Fl-imgħoddi din in-niċċa kellha fanal. Il-ħolqa ta' dan il-fanal għadha tidher sal-ġurnata tal-lum. Tony Terribile jgħid hekk fuq din in-niċċa: *Hi l-unika statwa tal-Madonna tar-Rużarju li narawha rappreżentata b'dan il-mod fit-toroq tagħna.* [3]

Il-festa tal-Madonna tar-Rużarju hija organizzata mill-fratellenza kif ukoll mill-każin ta' l-Istilla. Hija festa li tiġi ċċelebrata fl-aħħar ta' l-istaġun festiv tas-sajf. Hi festa wirt il-Gudja. Tant li f'dan ir-raħal isiru tliet festi, kollha ad unur il-Madonna. Dawn jagħmlu l-Gudja ċentru marjan qawwi ferm.

**Riferenzi:**

1. Vincent Borg, (ed) **Marian Devotions in the Islands of St Paul** (1600-1800), *The Historical Society of Malta, 1983*
2. Tony Terribile, **Niċeċ u Statwi fit-toroq Maltin**, 2000
3. Op cit.

**Aktar Riferenzi:**

Joseph Grech, **Vari ta' Malta u Għawdex**, Peg. 1998.